**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 14 ta' Jannar 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Kevin Azzopardi**
**(ID 0168676(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Kevin Azzopardi ta' 40 sena, bin Anthony u Vincenza xebba Fitzpatrick, mwieled gewwa Pieta', nhar l-4 ta' Marzu, 1976 u residenti gewwa nru. 25, Triq A. Cuschieri, B'Kara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0168676(M):

Akkuzat talli nhar id-9 ta' Jannar 2017 ghall-habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar:

1. Minn gewwa l-istabbiliment maghruf bhala 'Paris Lounge' li jinsab sitwat gewwa l-Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, ikkommetta serq ta' flus kontanti fl-ammont ta' hames mija u sebghin Ewro (€570) ghad-dannu tas-sid tal-imsemmi stabbiliment cioe' Gilbert Dimech u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tlett

mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) kif ukoll bil-mezz;

2. U aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi ikkommetta serq ta’ diversi fliexken tax-xorb u / jew oggetti ohra liema serq huwa kwalifikat bil-mezz ghad-dannu tas-sid tal-imsemmi stabbiliment cioe’ Gilbert Dimech u/jew ta’ persuna jew persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-mezz;

U aktar nhar it-12 ta` Jannar, 2017 għall-habta tal-hamsa ta` filghaxija:

3. Bil-hsieb li jaghmel delitt li ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu, ta bidu ghall-ezekuzzjoni sabiex jikkommeti serq mill- fond ‘Paris Lounge’, li jinsab sitwat gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, liema serq huwa aggravat bil-mezz.

Il-Qorti giet mitluba li f’kaz ta’ htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien misjub hati ta’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghndhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna offiza cioè Gilbert Dimech, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artiklu 412C tal-Kap. 9 u f’kaz ta’ htija, il-Qorti giet mitluba tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali, l-imputat wiegeb illi m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, kif ukoll illi huwa wiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi l-imputat ikkonferma din l-ammissjoni tieghu, wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u l-fedina penali tieghu mil-liema jirrizulta illi din mhux l-ewwel darba li l-imputat instab hati ta' reati simili, ghalkemm effettivament dawn ir-reati jirrisalu ghas-snin 1999 u 2000.

Qieset ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, kif ukoll illi l-Prosekuzzjoni mhijiex tinsisti ghal piena ta' prigunerija effettiva, b'dan ukoll illi kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza jissottomettu illi l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Qieset ukoll illi l-Prosekuzzjoni mhijiex qed tinsisti ghall-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda tissottometti illi l-obbligu taht l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 ghandu jkun sufficjenti.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 31, 41, 49, 261(b), 261(c), 263, 267, 278 u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputati hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' tmintax-il-xahar prigunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi sospiza ghal zmien tliet snin mil-lum.

Bis-sahha tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Supervizjoni, taht is-Supervizjoni ta' Ufficjal

Sorveljanti ghal zmien tliet snin mil-lum u ghal dan il-ghan tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole*.

Inoltre ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati sabiex ihallas lura s-somma ta' sitt mija, tnejn u erbghin ewro (€642), rapprezentanti l-valur tal-oggetti misruqa, lil Gilbert Dimech u dan fi zmien sitt xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem cari u semplici, il-konsegwenzi skont il-ligi kemm-il darba huwa jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, kif ukoll l-effetti tal-Ordni ta' Supervizjoni u r-responsabbilità tieghu ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm-il darba huwa jonqos li jikkonforma ruhu mal-Ordni tal-Qorti dwar restituzzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu sabiex ma javvicinax il-lokal 'Paris Lounge', Triq il-Kbira, San Guzepp u lil Gilbert Dimech, kif ukoll sabiex ma jikkomunimkax bl-ebda mod, la direttament u lanqas indirettament mal-istess Gilbert Dimech u dan ghal zmien tnax-il (12) xahar mil-lum, taht penali ta' elf ewro (€1000).

Stante li ma nhatrux esperti f'dawn il-proceduri, qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat